# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 25 ta' Jannar, 2017**

**Talba Nru: 77/2016PA**

**Swatar M & B Limited**
**vs**
**Sammut Marco**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-4 ta' Marzu 2016 li permezz tiegħu s-Soċjeta' Attriċi talbet li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas l-ammont ta' elf u erba' mija u tmenin Ewro (€1,480), bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv, wara li ppremettiet li t-tifel tal-konvenut kien jattendi l-iskola St. Martin's College bejn is-sena elfejn u tmienja (2008) u s-sena elfejn u erbatax [*recte*: tlettax] (2013); li għas-sena skolastika elfejn u tlettax u elfejn u erbatax (2013/2014), il-konvenut iddeċieda li jbiddel l-iskola li fiha kien jattendi l-istess ibnu minuri; li madankollu huwa nforma lill-iskola li dan ma kienx ser jattendi iktar proprju fl-erbgħa u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li tiġi inqas minn gimgħa qabel ma bdiet is-sena skolastika, u dan minkejja li skond ir-regoli tal-iskola, din għandha tkun avżata mill-anqas tlett-(3) xhur qabel f'każ li student ma jkunx ser jibqa' jattendi, u dan kif jidher ċar fil-kopja tal-formola tar-reġistrazzjoni ffirmata, hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok.MS1'; li għaldaqstant huwa ġie interpellat biex iħallas biss is-

somma hawn fuq imsemmija rappreżentanti l-miżata ta' *term* wieħed ta' din l-istess skola, u dan kif jidher mill-fattura hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok.MS2'; u li minkejja li l-konvenut ġie interpellat diversi drabi b'talba għall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hu baqa' inadempjenti bil-konsegwenza li kellha tiġi addottata din il-proċedura.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja tar-*Registration Form* ta' *St Martin's College* (Dok.'MS1', fol.2) u *Statement of Account* maħruġ minn *St Martin's College* u indirizzat lill-konvenut datat 31 ta' Awissu 2014 li juri bilanċ dovut ta' elf erba' mija u tmenin Ewro (€1,480).

Ra r-Rikors tas-Soċjeta' Attriċi preżentat fit-3 ta' Ġunju 2016 li permezz tiegħu talbet korrezzjoni fl-isem tal-konvenut minn 'Mark' għal 'Marco' u wkoll tibdil fin-numru tal-karta tal-identita' tieghu minn 449888M ghal 428369M.

Ra li dan it-Tribunal, diversament presjedut, fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2016 laqa' t-talba tas-Soċjeta' Attriċi u ordna l-korrezzjoni kemm tal-isem tal-konvenut, u anke tal-karta tal-identita' tiegħu.

Ra r-Risposta b'Kontro-Talba ppreżentata mill-konvenut fil-5 ta' Ottubru 2016 li permezz tagħha eċċepixxa li (i) preliminarjament, l-attriċi trid tressaq prova ta' l-interess ġuridiku tagħha; (ii) mingħajr preġudizzju, u wkoll preliminarjament, il-pretensjoni attriċi hija bażata fuq klawsola nulla u invalida a tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kapitlu 378 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) mingħajr preġudizzju u preliminarjament ukoll, id-dokument anness mal-Avviż ma joħloq ebda obbligazzjoni fuq l-eċċepjent skond l-Artikolu 1233(2) tal-Kodiċi Ċivili, u dan billi tali dokument la huwa ffirmat miż-żewġ partijiet, u lanqas awtentikat kif trid il-liġi; (iv) mingħajr preġudizzju, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż; (v) mingħajr preġudizzju, hija l-attriċi li hija debitriċi ta' l-eċċepjent kif se jiġi ppruvat fil-kontrotalba preżentata kontestwalment; (vi) mingħajr preġudizzju u f'kull każ, l-attriċi għandha fil-pussess

tagħah flejjes ta' pertinenza ta' l-eċċepjent, u għalhekk jekk it-talba tagħha tiġi akkolta, għandha tiġi operata tpaċija.

Fil-Kontro-Talba tiegħu, il-konvenut rikonvenzjonant ippremetta li huwa kien iddepożita għand l-attriċi s-somma ta' €1,164.68ċ kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u li għalhekk l-Attriċi hija debitriċi tal-konvenut fl-ammont indikat, u konsegwentement talab li dan it-Tribunal jikkundannaha tħallsu s-somma ta' elf mija u erbgħa u sittin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€1,164.68ċ), bl-ispejjeż u bl-imgħax dekorribbli mill-1 ta' Settembru 2013 sal-jum tal-ħlas effettiv.

Ra r-Risposta tas-Soċjeta' Attriċi għall-Kontro-Talba tal-konvenut li permezz tagħha l-istess Soċjeta' Attriċi eċċepiet li l-ammont mitlub mill-konvenut ma tħallasx lilha, imma lil entita' oħra li hija kompletament separata mis-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata, u għalhekk mhijiex leġittima kuntradittriċi u għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju; u sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, li l-kontro-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jiġi spjegat fil-mori tal-proċediment.

Ra x-xiehda ta' Maria Felice, *Creditor Controller* tas-Soċjeta' Attriċi Swatar M & B Limited, li spjegat li xogħolha huwa li tieħu ħsieb tiġri wara d-debituri tal-iskola *St Martin's College*. Hija xehdet li s-soċjeta' attriċi topera u tamministra l-iskola magħrufa bl-isem *'St Martin's College'*. Iddikjarat ukoll li hija mhix involuta fix-xogħol li għandu x'jaqsam mar-reġistrazzjoni ta' studenti ġodda f'din l-iskola.

Ix-xhud spjegat li fl-24 ta' Settembru 2013, li kien jiġi t-tieni jum tas-sena skolastika 2013/2014, *St Martin's College* irċeviet *email* mingħand il-konvenut b'avviż li t-tifel tiegħu ma kienx ser ikompli jattendi din l-iskola. Wara dan, ix-xhud bdiet tiġri warajh biex iħallas il-miżata tal-ewwel *term* ta' dik is-sena skolastika, u dan peress li, skond hi, kien obbligat jagħtihom tlett xhur avviż bil-quddiem li t-tifel kien ser jieqaf milli jattendi l-iskola tagħhom. Ix-xhud preżentat korrispondenza bl-*email* li turi l-avviż, li rreferiet għalih fix-xiehda tagħha, mibgħut mill-konvenut fl-24 ta' Settembru 2013, u wkoll risposta mingħand il-konvenut li kien għadu qed jistenna l-firem, u mbagħad

risposta tax-xhud mibgħuta fit-13 ta' Ġunju 2014 fejn din spjegatlu li d-depożitu li kienu ħallsu hu u martu meta rreġistraw lit-tifel fl-iskola tħallas lil *St Martin's Foundation*, li hija entita' separata minn *St Martin's College*, u li għalhekk kellhom bżonn il-firma tal-mara tiegħu biex jirrifondu dak id-depożitu, inkella jekk jiffirma huwa biss nofs id-depożitu jiġi paċut mal-ħlas reklamat b'din l-azzjoni.

Ix-xhud fl-aħħarnett ikkonfermat li s-soċjeta' attriċi fadlilha tirċievi s-somma ta' elf, erba' mija u tmenin Ewro (€1,480.00) mingħand il-konvenut.

In kontro-eżami, ix-xhud Maria Felice ddikjarat li meta iben il-konvenut Pio Sammut kien reġistrat f'*St Martin's College*, hija ma kellhiex x'taqsam mas-soċjeta' attriċi jew ma' din l-iskola. B'riferenza għad-Dok.'MB1' (fol.2) anness mal-Avviż tat-Talba, ix-xhud spjegat li s-somma ta' LM500 mħallsin dakinhar mill-konvenut kienu kontribuzzjoni rifondibbli lil *St Martin's Foundation*, u r-rifużjoni ssir ladarba t-tifel jagħlaq l-eta' ta' sittax (16)-il sena. Ix-xhud iddikjarat li ma kinetx f'qagħda tispjega minn fejn jirriżulta li r-rifużjoni ssir dovuta meta l-istudent jagħlaq l-eta' ta' sittax (16)-il sena, għaliex qalet li hija taħdem mas-soċjeta' attriċi u ma kellhiex taħriġ biżżejjed biex twieġeb ukoll għal *St Martin's Foundation*. Lanqas kienet f'qagħda tispjega r-relazzjoni ta' *St Martin's Foundation* ma' *St Martin's College*. Iddikjarat pero' li l-iskola toperaha s-soċjeta' attriċi, filwaqt li l-miżati tar-reġistrazzjoni tiġborhom *St Martin's Foundation*.

Ra x-xiehda ta' Marco Sammut li għaraf l-unika firma li hemm fuq ir-*Registration Form* (fol.2) bħala tiegħu. Huwa spjega li, dak iż-żmien, kien mar jirreġistra lit-tifel tiegħu fl-iskola *Chiswick House School*, u ħallas is-somma ta' LM500 kif talbuh. Mal-ħlas, intalab ukoll jiffirma r-*Registration Form* li tawh dak il-ħin stess, u rritornahielhom kif iffirmaha. Huwa ddikjara li l-ħlasijiet kollha li għamel fiż-żmien kollu li ibnu baqa' jattendi dik l-iskola dejjem għamilhom b'ċekk f'isem *Chiswick House School*. Depożitu bħal dan kien ħallas ieħor, għar-rigward tat-tifla. Huwa ddikjara li ma jiftakarx li spjegawlu l-obbligu li jagħti tlett xhur avviż f'każ li jkun ser iwaqqaf l-attendenza ta' uliedu fl-iskola, u li din il-kundizzjoni sar jaf biha għall-ewwel darba wara li ħareġ lit-tifel minn din l-iskola.

Il-konvenut xehed li ma jiftakarx li qatt issemmietlu l-Fondazzjoni *St Martin*, u li sa fejn jaf hu, dejjem kellu x'jaqsam maċ-*Chiswick House School*. Huwa ddikjara li baqa' ma ħax lura d-depożiti, la li għamel għar-reġistrazzjoni tat-tifel fl-iskola, u lanqas tat-tifla. Huwa qal li dan il-ħlas dejjem ikkunsidrah bħala depożitu għaliex ħallsu bi żieda mal-miżati li ntalab iħallas għas-servizzi edukattivi li kienu ser jircievu uliedu f'din l-iskola.

In kontro-eżami, il-konvenut ddikjara li meta ffirma r-*Registration Form*, ma qagħadx jaqra kull kelma li kien hemm miktuba fuqha, għaliex dak iż-żmien iċ-*Chiswick House School* kienet skola fejn kull ġenitur kien jaspira li jibgħat lil uliedu, u allura ma nkwetax li seta' kien hemm raġuni għalxhiex jaqra d-dokument.

Il-konvenut iddikjara wkoll li, billi lit-tifla kien sabilha post fi skola oħra qabel is-sajf, inzerta ta l-avviż mitlub fir-rigward tagħha, pero' għat-tifel dam ma kellu risposta definittiva, u għalhekk ma tax avviż qabel ma bdiet is-sena skolastika 2013/2014.

Dwar it-tifsira tal-kelmiet *'Still waiting for signature'* fl-*email* mibgħuta minnu fid-29 ta' April 2014 (Dok.'MF1', fol.30), il-konvenut iddikjara li din ir-risposta ma kinetx tirreferi għal li hu kellu jottjeni l-firma ta' martu biex jieħu lura d-depożitu tar-reġistrazzjoni, imma għal telefonata li kellu maċ-*Chiswick House School* dwar it-trasferiment tal-punti fis-suġġetti tax-xjenzi għall-eżamijiet tal-*'O' Levels* tat-tifel.

Ra t-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet orali magħmula mid-difensuri tal-partijiet quddiem it-Tribunal kif presjedut.

Ikkunsidra:

It-talba prinċipali f'din il-kawża tirrigwardja ħlas fis-somma ta' €1,480.00 li s-soċjeta' attriċi Swatar M & B Limited (C21809) tippretendi li għandha tieħu mingħand il-konvenut, rappreżentanti l-miżata dovuta għall-ewwel *term* tas-sena skolastika 2013/2014

li għaliha kellu jattendi iben il-konvenut Pio Sammut, minkejja li qatt ma attenda l-iskola f'dak il-perjodu, billi tippretendi li l-konvenut naqas li jagħtiha tlett xhur avviż minn qabel tat-terminazzjoni tas-servizzi edukattivi għall-istess student.

Biex jilqa' għal din it-Talba, il-konvenut issolleva tlett difiżi legali, li għalkemm indikati bħala *'preliminari'* effettivament jolqtu l-mertu tat-Talba Prinċipali – (i) il-ħtieġa li s-soċjeta' attriċi tipprova l-interess ġuridiku tagħha fit-talba li qed tipprosegwi kontrieh; (ii) in-nullita' tal-klawsola dwar l-avviż tat-terminazzjoni fir-*Registration Form* fit-termini tal-art.44 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap.378); u (iii) l-ineżistenza ta' kwalsiasi obbligazzjoni stipulata fir-*Registration Form* billi din hija ffirmata biss mill-konvenut.

Rinfaċċjata b'dawn id-difiżi, is-soċjeta' attriċi llimitat ruħha għax-xiehda tal-*Credit Controller* attwali tagħha, li xehdet li wara li kienet avżata li l-konvenut kien debitur tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas tal-miżata tal-ewwel *term* fis-sena skolastika 2013/2014, hija bdiet tiġri warajh għall-ħlas, filwaqt li spjegat bid-dokumenti appożiti l-kontenut ta' dawk il-komunikazzjonijiet, għalkemm iddikjarat ċar li ma kinetx involuta fil-proċess tar-reġistrazzjoni ta' iben il-konvenut fl-iskola *Chiswick House School*. Ix-xhud iddikjarat li s-soċjeta' attriċi Swatar M & B Limited topera u tamministra ċ-*Chiswick House School*, jew *St Martin's College*, għalkemm lanqas spjegat id-distinzjoni bejniethom, pero' ma kinetx f'posizzjoni tispjega r-relazzjoni bejn is-soċjeta' attriċi u l-Fondazzjoni *St Martin*, u x'inhu r-rwol ta' din tal-aħħar.

Wara li qies id-dokumenti eżibiti mis-soċjeta' attriċi, u partikolarment ir-*Registration Form* (Fol.2) u l-i*Statement of Account* (Fol.3; Fol.33), it-Tribunal jinnota li dawn iż-żewġ dokumenti li fuqhom is-soċjeta' attriċi sserraħ it-Talba tagħha huma maħruġa minn *'St Martin's College'*, li fir-*Registration Form* kellha l-indirizz fi Triq is-Swatar, Swatar, Msida, mentri fl-i*Statement of Account* iġġib l-istess indirizz tas-soċjeta' attriċi. Mill-informazzjoni dwar is-soċjeta' attriċi li hija stess tat fl-Avviż tat-Talba jidher li Swatar M & B Limited hija kumpanija kummerċjali, reġistrata mar-Reġistratur tal-Kumpaniji bin-numru C-21809, u preżumibilment bl-uffiċju reġistrat fl-indirizz 38,

*Kappara House, Antonio Schembri Street*, Kappara, San Gwann. Pero' s-soċjeta' attriċi Swatar M & B Limited ma tissemma mkien fiż-żewġ dokumenti msemmija, u din naqset li tispjega, u wisq anqas turi bi provi ċari u konklussivi, l-iskopijiet tagħha, il-konnessjonijiet li għandha mal-iskejjel *Chiswick House School* jew *St Martin's College*, u l-akkwist da parti tagħha tal-jeddijiet li tippretendi li għandha kontra l-konvenut, u li mad-daqqa t'għajn jidhru li f'xi żmien kienu jappartjenu lil *St Martin's College*.

Fit-trattazzjoni orali tiegħu, id-difensur tas-soċjeta' attriċi argumenta li s-soċjeta' attriċi tamministra kemm iċ-*Chiswick House School*, u anke *St Martin's College*, u li l-istudenti l-ewwel jattendu *Chiswick House School*, u mbagħad imorru *St Martin's College*. Bid-dovut rispett, pero', oltre li dan il-fatt ma jirriżultax mill-provi, f'kull każ ma ngħatat ebda spjegazzjoni għaliex kemm ir-*Registration Form*, u anke l-i*Statement of Account* ħariġhom *St Martin's College*.

It-Tribunal la għandu quddiemu l-istatut tas-soċjeta' attriċi, u lanqas (jekk jeżisti) l-istatut tal-iskola *Chiswick House School/St Martin's College*. Pero' mid-distinzjoni fl-isem, u l-intestatura tar-*Registration Form* u ta' l-i*Statement of Account* f'isem *St Martin's College,* it-Tribunal jifhem li *St Martin's College* hija enti morali bi statut għaliha, u allura b'personalita' ġuridika separata u indipendenti, b'liċenzja ta' istituzzjoni edukattiva fit-termini tal-**art. 20(5)** tal-<u>Att dwar l-Edukazzjoni</u> (Kap.327). Jekk dan mhux il-każ, u *St Martin's College* m'għandhiex personalita' ġuridika separata, allura kienet qed tagħti informazzjoni żbaljata dwarha innifisha meta kienet qed tippreżenta ruħha bħala l-enti responsabbli mit-tmexxija tal-iskola, u l-kreditur tal-miżati għas-servizzi edukattivi provduti fiċ-*Chiswick House School* jew *St Martin's College*.

Hija ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna li '*Rekwiżit neċessarju f`kull azzjoni li tiġi proposta huwa l-interess li għandu dak li jipproponiha. Dan l-interess ma` jistax ikun wieħed ipotetiku iżżda jrid ikun konkret u sussitenti di fronti għal dak li jiġi magħżul mill-attur bħala kontradittur leġittimu – Balluci vs Vella Gera, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta` Marzu 1946. L-interess tal-attur fl-azzjoni jeżisti meta l-attur juri li permezz ta` din l-azzjoni huwa jista` jipprokura riżultat li jkun vantaġġuż għalih*

*jew riżultat li għandu skop utli. L-attur irid juri illi għall-eserċizju tad-dritt tiegħu għandu attwalment bżonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti – citazzjoni numru 932/2009 fl-ismijiet Spiteri vs Spiteri deċiża fit-28 ta` Novembru 2013. Hawn il-Qorti kompliet tgħid li – "L-interess għandu karattru personali fis-sens illi l-vjolazzjonijiet biss għad-drittijiet li jappartjenu lil attur jawtorizżawh li jeżerċita din l-azzjoni. U dan l-interess ikun x`ikun, morali jew perkunarju, irid ikun dejjem ġuridiku, jiġifieri korrispondenti għal lezjoni tal-veru dritt; u jrid ikun dirett jew derivanti minn kawża korrelattiva mal-persuna li taġixxi, kif ukoll irid ikun leġittimu u attwali. Ir-rekwiżit ta` l-interess huwa indispensabbli għal proponibilita` ta` domandi fi kwalunkwe sede kontenzjuża; huwa l-bażi tal-azzjoni u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultat vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi pretiża ("Camilleri et vs Sammut et" – Prim` Awla tal-Qorti Ċivili – 7 ta` Jannar 1953).'*[1]

It-Tribunal jidhirlu li f'dan il-każ, is- soċjeta' attriċi naqset li turi l-jedd tagħha fil-konfront tal-konvenut, u li sofriet leżjoni ta' dak id-dritt tagħha meta l-konvenut naqas li jagħtiha avviż ta' tlett xhur qabel ibnu waqaf milli jattendi l-iskola *Chiswick House School*, bil-jedd korrispondenti għall-ħlas mitlub b'din l-azzjoni.

Għaldaqstant, it-Tribunal iqis li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija legalment fondata. Billi l-karenza ta' interess ġuridiku fis-soċjeta' attriċi hija fatali għat-Talba mressqa minnha, it-Tribunal m'għandux ħtieġa jikkunsidra l-kwistjonijiet legali l-oħra sollevati mill-konvenut fil-bqija tal-eċċezzjonijiet imressqa minnu.

Kwantu għall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant, din tirrigwardja rifużjoni ta' depożitu fis-somma ta' €1,164.48.00 li huwa ħallas meta rreġistra lill-istess ibnu Pio Sammut fl-iskola *Chiswick House School*. Il-konvenut rikonvenzjonant jippretendi li din kienet rifondibbli lilu ladarba t-tifel ma baqax jattendi din l-iskola.

---

[1] **Michael Fenech et vs Victoria Licari et**, Prim'Awla, 22.3.2016

Is-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata laqgħet għal din it-talba bl-eċċezzjoni li mhix il-leġittima kuntradittriċi biex twieġeb għaliha, billi l-ħlas ta' LM500 mar-reġistrazzjoni ta' Pio Sammut fit-12 ta' Mejju 1998 saret lil enti separata u distinta. Kemm ix-xhud Maria Felice, u anke d-difensur tas-soċjeta' attriċi fit-trattazzjoni orali tiegħu, identifikaw din l-enti separata bħala l-Fondazzjoni St Martin (*St Martin's Foundation*), li mhix parti f'din il-kawża.

Minkejja dawn id-dikjarazzjonijiet attriċi, kif ġa spjegat aktar 'il fuq, mir-*Registration Form* (fol.2) preżentata fl-atti, it-Tribunal jifhem li l-ħlas ta' LM500 deskritt bħala *'Loan Refundable'* sar mill-konvenut lil *St Martin's College*. Fl-istess dokument, tissemma s-*St Martin's Foundation* bħala l-enti li ppublikat *'rules and regulations'* li l-konvenut iddikjara li rċieva mar-reġistrazzjoni, mingħajr pero' ma hemm spjegata r-relazzjoni tagħha, ġuridika jew xort'oħra, ma' *St Martin's College*.

Minn imkien ma jirriżulta li l-konvenut silef din is-somma ta' LM500 (€1,164.69) lis-soċjeta' attriċi Swatar M & B Limited, u lanqas ma ġie ppruvat li din assumiet xi obbligu ta' rifużjoni favur il-konvenut dwar din is-somma mislufa. Għalkemm mill-korrispondenza eżibita mix-xhud Maria Felice, jidher li l-amministrazzjoni tas-soċjeta' attriċi u l-Fondazzjoni *St Martin* setgħet kienet issir daqslikieku kienu ħaġa waħda, u possibilment mill-istess nies ukoll, fil-liġi dawn huma persuni separati u distinti, u l-konvenut bid-difiżi li ta huwa stess kontra t-Talba Prinċipali, ġie jammetti li t-talba tiegħu għar-rifużjoni indirizzaha kontra terz, li ma weriex li assuma l-obbligi tad-debitur oriġinali tiegħu *St Martin's College*, jew *St Martin's Foundation*.

Għaldaqstant, it-Tribunal iqis li l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' attriċi għar-rikonvenzjoni tal-konvenut hija legalment fondata.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, it-Tribunal jiddisponi mit-Talba tas-soċjeta' attriċi billi jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, u jiċħad l-istess Talba; filwaqt li kwantu ghat-Talba rikonvenzjonali tal-konvenut, jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' attriċi, u jiċħad l-istess Talba rikonvenzjonali.

L-ispejjeż tat-Talba jibqgħu a karigu tas-soċjeta' attriċi; filwaqt li l-konvenut rikonvenzjonant iħallas l-ispejjeż tal-Kontro-Talba.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**